MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2013

Appell Kriminali Numru. 79/2012

**Appell Nru. 79/2012**

**Il-Pulizija**
**(Supt. Lawrence Cutajar)**
**(Spt. Anthony Cachia)**
**Vs**
**Carmel Falzon**
**Illum 11 ta' Lulju, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 479859 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Nhar it-12 ta' Mejju 2008 ghall-habta ta' 8.15p.m. u fi zminijiet ta' qabel, minn gewwa l-fond Cor Jesu, Triq is-Sindku P. Vella, Zebbug, Malta ghamel jew xjentement zamm jew kellu ghandu jew taht il-kontroll tieghu xi sustanza esploziva taht dawk ic-cirkustanzi illi jaghtu

ghaliex wiehed ghandu bir-ragun illi huwa ghamilha, zammha jew kienet ghandu ghal hsieb mhux lecitu; u

2. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi dahhal f'Malta porvli tal-isparar jew esplozivi ohra, inkella fetah jew zamm fabbriki tal-porvli jew xoghol tan-nar inkella fabbriki ohra fejn jinhadmu porvli jew esplozivi ohra minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Din il-licenzja ma tigix moghtija kemm-il darba ma jittiehdux il-prekawzjonijiet mehtiega ghal harsien tal-hajja u tal-propjeta, u

3. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm ghal bejgh jew hazen porvli tal-isparar jew esplossivi minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija

4. U aktar talli garr porvli tal-isparar jew esplossivi minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Frar, 2012, li biha wara li rat l-artikoli 313 u 30 tal-Kapitolu 9 u l-artikoli 3, 9, 16, 27, 28, 29, 30 u 41 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u kkundannatu ghal piena ta' sentejn prigunerija.
Inoltre, l-Qorti ordnat l-iskwalifika tal-hati mil-licenzja mahruga lilu taht il-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien tmin (8) snin mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini l-Kummissarju tal-Pulizija ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data.
Inoltre, l-Qorti ordnat lill-hati jhallas nofs l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' €389.97, li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu prekritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-17 ta’ Frar, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti sabet lill-hati ta’ l-akkuzi dedotti u tvarja l-istess sentenza fejn ikkundannatu ghal piena ta’ sentejn prigunerija u tipprovdi ghal piena aktar mita u idonea fic-cirkostanzi salv dak li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti :

Illi dan l-appell qed isir biss fuq il-kwistjoni tal-piena inflitta fuq l-appellant mill-Ewwel Qorti li l-appellant ihoss li hija wahda severa hafna tenut kont ta’ dak li gie ikkonstatat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u fuq kollox kif irrizulta anki mir-rapport tal-Kaptan tal-Forzi Armai ta’ Malta Jeffrey Curmi.

Il-Kaptan Curmi fir-relazzjoni tieghu stqarr Ii kien hemm zewg sejbiet ta’ materjal “splussiv” fir-residenza ta’ l-appellant. Kien hemm sejba ta’ materjal splussiv fuq il-bejt li kien jikkonsisti fi stoppini, zbruffaturi, musketterija u irdieden li huma kollha relatati ma’ loghob tan-nar legger. Tant hu hekk li jirrizulta wkoll Ii dawn kienu koliha lesti biex jigu sparati minn fuq il-bejt tar-residenza ta l-appellant wara Ii l-Kummissarju tal-Pulizija hareg il-permessi necessarji biex ikun jista’ jinharaq dan in-nar minn fuq il-bejt. Fil-fatt il-kopja relattiva ta’ dawn il-permessi huma annessi mar
relazzjoni tal-Kaptan Curmi bhala Dokumenti JC 01 u JCO2.

Illi l-uniku nuqqas li seta’ jigi nnutat fix-xoghol ta’ fuq il-bejt kien li l-istoppini kellhom diametru differenti minn dak rikjest mil-ligi a tenur ta’ legislazzjoni sussidjarja 33.03. Pero’ huwa stat ta’ fatt li dan kien nuqqas legger. Jirrizulta wkoll li ma kien hemm l-ebda periklu la ghal sahhet il-bniedem jew ghall-propejta’ tant li l-Kaptan Curmi hass il-

bzonn li jenfasizza a fol 12 tar-rapport tieghu, bhala punt pozittiv, “li fuq il-bejt il-musketterija kienet ippreparata taht xibka tal-wire biex b’hekk izzomm xi bombi li ma jesplodux milli jinfirxu jew jaqaw got-triq jew fuq il-bjut fil-vicin permezz tal-blast ta’ dawk il-bombi li jisplodu”. Huwa stess jghid li dan il-mezz ta’ safety huwa wkoll rakkomandat bil-ligi permezz ta’ legislazzjoni sussiddjara 33.03.

Fir-rapport tal-Kaptan Kurmi hemm indikat kif anki ikkunsiddrat l-Ewwel Qorti lil espert tekniku kkonkluda li l-possibilita li dan l-isplussiv jisplodi u jwaqqa’ bini bil-kawza tal-blast kienet minima. Pero il-Qorti kompliet izzid li pero din il-possibilita
ma hijiex eskluza. Ovvjament hadd ma qed jghid li hemm certezza assoluta li xi tip ta’ disgrazzja ma tista issehh qatt, ghax anki f’ambjenti fejn hemm il-mezzi kollha u l-mizuri kollha tas-sigurta bhalma huma kmamar tan-nar licenzjati isiru id-disgrazzji.
Dak kollu li ikkwotat u rreferiet ghalihom l-ewwel Qorti huma sitwazzjonijiet ipotetici u cioe fejn issir disgrazzja kawza tal-materjal li nstab. Anki l-Espert tekniku fir-rapport tieghu illustra sitwazzjonijiet ipotetici ta’ x’seta gara u l-ferimenti li jistghu isiru. Pero quddiem Qorti Kriminali ma jinstemghux provi dwar dak li seta’ gara imma dwar dak li fil-fatt ikun gara. F’dan il-kaz il-Qorti kellha tikkkunsidra aktar minn kwalsijasi sitwazzjoni ipotetika il-fatt li l-istess espert tekniku jghid li l-mod kif kienu mahzuna il-materjal li nstab naqqas hafna ir-riskju ta’ spluzjoni. L-isplussiv li ghamlet referenza ghalih il-Qorti u cioe il-beraq’ jaghmel il-hsara li irreferiet ghaliha il-Qorti meta jisplodi f’kamra tan-nar fejn il-materjal mahzun ikun mahzun fi kwantitajiet ferm akbar. Fil-fatt il-Kaptan Curmi jghid wkoll “li l-beraq li nstabu kienu lesti, cioe’ ma kienx hemm tahlita tal-berqa “loose”, ir-riskju li jisplodu jonqos…..”

L-appellant ghalhekk jissottometti wkoll li l-fatt li fir-relazzjoni l-espert ghamel riferenza ghal mod kif kien mahzun il-materjal,”hija indikazzjoni li l-imputat m ‘huwiex xi cowboy kif l-imputazzjonijiet facilment jistghu iwasslu lil wiehed jahseb li hu.” Kwindi l-appellant minkejja li ma

setghax jaghmel dak li ghamel, uza l-esperjenza tieghu biex inaqqas ir-riskju ghal minimu.

Illi l-appellant jirreferi ghal prattikament kull taqsima fir-rapport tal-Kaptan Curmi li fiha sar apprezzament ta' kull esplossiv li nstab, u jigbed l-attenzjoni tal- Onorabbli Qorti li l-Kaptan Curmi ghamel prattikament l-istess osservazzjoni u cioe' li l-materjal
kien f'ammonti u mahzun b'mod li ma setghax jikkawza spluzzjoni u ma setghax igarraf propjeta' izda fl-aghar ipotezi jikkawza nar. Dan qieghed jinghad ghax mill-mod kif gew impustati l-argumenti fin-nota ta sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni quddiem l-Ewwel Qorti, wiehed facilment jahseb li kien hemm il-periklu li d-dar tal-appellant ittir bl-istess mod li tisplodi u tiggarraf kamra tan-nar, jew isiru paraguni odjuzi ma' l-incident li kien sehh xi snin qabel dan il-kaz meta kienet taret dar fin-Naxxar fejn kienu mietu xi nies, fejn f'dik id-dar kien instab materjal, kien jinhadem
il-materjal tan-nar, isir it-tahlit tal-materjal, kien isir il-mili tal-materjal bhal ma jsir f'kamra tan-nar. Minn dan kollu ma kien isir xejn fid-dar ta' l-appellant.

Illi b'referenza ghal-dak il-fatt li gara fin-Naxxar, fejn minhabba l-ispluzjoni kienu anki mietu nies, f'liema kaz l-affarijiet graw u ma kienux biss bazi ta ipotesi fl-ajru ta' x'jista jigri, il-Qorti kienet sabet htija f'min kien komplici f'dak ir-reat u kienet infliggiet piena karcerarja effettiva ghalihom ta' l-istess tul li wehel l-appellant fil-kaz odjern. Ma hemmx paragun bejn kaz u iehor ghax f'dak tan-Naxxar l-ammonti kienu ferm akbar u fuq kollox saret tragedja li sfortunatament se tibqa gerha ghal hafna, meta fil-kaz odjern l-ammont ta' splussiv kien ckejken u ma sar l-ebda incident.

Illi tant hu hekk li fil-konkluzzjonijiet tieghu l-Kaptan Curmi jghid a fol 13 "li l-possibilita' li dan l-isplussiv jisplodi u jwaqqa' bini bil-kawza tal-blast kienet minima u dan seta' jigi deciz wara li huwa kkunsidra kemm mill-kwantita' u t-tip ta materjal li nstab kif ukoll kif kien mahzun". Tajjeb li jigi enfasizzat li l-Kaptan Curmi jirreferi specifikament

ghat-tip ta’ materjal li nstab ghaliex zgur li ma kienx hemm il-materjal
li normalment huwa assoccjat ma’ spluzzjoni ta’ kamra tan-nar li thalli tant herba. Anzi ha l-briga li dan il-fatt jenfasizzah. Anki r-riferenza tieghu ghal mod kif kien mahzun il-materjal hija ndikazzjoni li l-appellant mhuwiex xi cowboy kif l-imputazzjonijiet facilment jistghu jwasslu lil wiehed jahseb li hu.

Illi rigward il-pieni jigi rilevat illi in kwantu ghal Kap 33 tal-Ligijiet ta’ Malta dawn gew sostanzjalment emendati permezz tal-Att VIII tas-sena 2008 liema Att dahal fis-sehh fil-29 ta’ Luiju 2008. Kwindi ghall-kaz odjern japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-ligi riferibbli ghall-pieni li kienu vigenti qabel id-29 ta Lulju 2008 u dan huh kif jirrizulta mill-att ta’ l-akkuza l-allegat reat sehh fit-12 ta Mejju 2008 u fil-granet ta’ qabel.

Illi pero meta l-Qorti giet biex tinfliggi l-piena, ma ghazlitx piena li tirrifletti ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-appellant qatt ma kien xellef difrejh mal-gustizzja qabel. Ghazlet li taghti ezempju bl-appellant u tuza l-kaz tieghu biex twassal messagg ta’ deterrent lil dawk li jhobbu l-festi.

Illi in oltre l-Qorti ma applikatx il-piena l-aktar favorevoli ghall-appellant u dan stante ghall-fatt li ma applikatx il-piena vigenti taht id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 33 qabel ma gew emendati fl-2008. Illi anki li kieku wiehed kellu japplika il-piena kontemplata fil-Kodici Kriminali, xorta wahda il-Qorti ma applikatx il-minimu.

Illi ghandu jinghad ukoll li l-appellant ghandu fedina penali netta u minkejja li l-Qorti
ikkunsidrat dan il-fatt.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant huwa dilettant tal-loghob tan-nar tal-festi u ghandu licenzja tal-kategorija “B” cioé illi jassisti persuni illi jkollhom kategorija “A” fix-xoghol tan-nar, f’dan il-kaz partikolari l-kamra tan-nar maghrufa bhala

*Twelfth May* illi tinsab Haz-Zebbug. Il-persuna illi kellha licenzja kategorija “A” kien certu Joseph Calleja li bhala licencee “A” kien ukoll responsabbli minn din il-kamra tan-nar. Fit-tnax (12) ta’ Mejju tal-elfejn u tmienja (2008) filghaxija l-pulizija ta’ Haz-Zebbug, Malta, irceviet telefonata anonima li fuq il-bejt tar-residenza *Cor Jesu,* Triq is-Sindku P. Vella, Haz-Zebbug kien hemm xi nar lest biex jinharaq u x’aktarx kien bla permess. Il-pulizija marru fuq il-post u sabu lill-imputat li hu ko-proprjetarju tar-residenza de quo li informa lill-pulizija illi huwa kellu l-permess necessarju biex jahraq in-nar minn fuq il-bejt. Però minn tfittxija li ghamlet il-pulizija fil-post irrizulta li f’diversi kmamar ta’ din id-dar kien hemm kwantità ta’ materjal iehor konness mal-loghob tan-nar bla permess.

Fl-istqarrija u fix-xhieda tieghu l-appellant ammetta illi huwa kien jiehu dan ix-xoghol tan-nar mill-kamra tan-nar *Twelfth May*, ipoggih fil-karozza tieghu u jiehdu d-dar sabiex jahdmu hemmhekk. L-appellant jammetti illi huwa kien jaf li dan ma setax legalment jaghmlu. Però jghid illi huwa xorta kien jaghmel dan il ghaliex fl-opinjoni tieghu x-xoghol li kien jiehu d-dar ma kienx perikoluz hafna u kien ihoss illi seta’ jaghmlu d-dar. Huwa kien jaghmel dan ix-xoghol fuq bazi volontarja. Meta jlesti x-xoghol kien jiehdu lura fil-kamra tan-nar.

Mir-rapport tal-espert tekniku, il-Kaptan Jeffrey Curmi, jirrizulta illi licencee “A” Joseph Calleja kien gab il-permess tal-pulizija sabiex ikun jista’ jahraq minn fuq ir-residenza tal-imputat stoppini u musketterija. Però, fuq il-bejt tar-residenza tal-appellant instabu wkoll zbruffaturi u irdieden li ma kinux koperti bil-permess. Inoltre l-istoppini illi kien hemm fuq il-bejt kellhom diametru ta’ dsatax-il millimetru (19 mm) meta l-ligi ssemmi stoppini ta’ mhux aktar minn ghaxar millimetru (10 mm) diametru. Ghalhekk mhux in-nar kollu fuq il-bejt kien kopert bil-peress u lanqs ma kienx skont il-ligi.

B’sentenza elaborata tas-sitta (6) ta’ Frar tal-elfejn u tnax (2012) (fol 111) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal sentejn prigunerija kif ukoll issospendiet

il-licenzja “B” ta’ manifattura tal-loghob tan-nar ghal tmien (8) snin u kkundannatu biex ihallas nofs l-ispejjez tal-perizja u cioé tlett mija disgha u tmenin ewro u sebgha u disghin centezmu (€ 389.97).

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u interpona appell principalment fuq il-piena peress illi deherlu illi fil-konfront tieghu dina kienet harxa wisq. L-appellant ghamel ampja riferenza ghar-rapport tal-Kaptan Jeffrey Curmi fejn irrelata li l-materjal kien f’ammonti u mahzun b’mod illi ma setax jikkawza spluzjoni u ma setax igarraf proprjetà izda fl-aghar ipotesi jikkawza nar. U rrefera ghall-parti konkluzjonali tar-rapport fejn a fol 13 il-Kaptan Curmi jghid, “li l-possibilità li dan l-isplussiv jista’ jisplodi u jwaqqa’ bini bil-kawza tal-blast kienet minima u dan seta’ jigi deciz wara li huwa ikkonsidra kemm il-kwantità u t-tip ta’ materjal ukoll il-mod kif kien mahzun.” Il-kaptan ukoll irrefera ghall-mizuri protettivi illi l-appellant ha fuq il-bejt halli ma jkunx hemm il-possibilità illi xi parti minn bombi mahruqin jew nar iehor li ma jkunx ghadu inharaq totalment imma jkun ghadu qed igammar jaqa’ fuq dan l-isplussiv illi kien qieghed jigi mahzun fuq il-bejt. U ikkritika l-ewwel Qorti ghax ma ghazlitx piena li tirrifletti cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz il-fatt li l-appellant qatt ma kien xellef difrejh mal-gustizzja qabel, izda ghazlet li taghti ezempju bl-appellant u tuza l-kaz tieghu biex twassal messagg ta’ deterrent lil dawk li jhobbu l-festi.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ma taqbel xejn ma’ din il-parti konkluzjonali tal-argument tal-appellant. Id-deterrent li l-ewwel Qorti trid twassal mhuwiex ghal dawk li jhobbu l-festi imma ghal dawk illi jabbuzaw b’dawn in-nies illi jhobbu l-festi u jahznu materjal splussiv kontra l-ligi u kontra kull dispozizzjoni tal-Health and Safety. Veru illi l-appellant kellu xi permess limitat sabiex izomm ammont ta’ loghob tan-nar fuq il-bejt ta’ dik ir-residenza izda l-appellant mar oltre minn dak il-permess u kellu fil-pussess tieghu stoppini u suffarelli aktar minn dak permess bil-ligi kif ukoll splussiv iehor mahdum gewwa d-dar illi kien minghajr permess. F’kwistjonijiet tal-loghob tan-nar m’ghandux ikun

hemm kantunieri – il-ligi qieghda hemmhekk biex tissalvagwarda l-inkomulità ta' dak li jkun qed jahdem in-nar kif ukoll tan-nies u l-proprjetà ta' madwaru. Meta dawn ir-regolamenti ma jigux osservati allura dak li jkun ghandu jwiegeb fil-kuntest tal-ligi. Anke jekk ghall-grazzja tal-argument jinghad illi dak il-loghob tan-nar illi l-appellant kellu mahzun id-dar kien se jiehu n-nar, dan wahdu huwa ta' periklu ghalih, ghall-proprjetà u ghan-nies li joqghodu fid-djar ta' madwaru.

Din il-Qorti thoss illi r-ragunament tal-ewwel Qorti jaghmel hafna sens u l-appellant ma messu qatt abbuza mill-licenzja tieghu u bil-permess limitat illi gie moghti biex ikun jista' jahraq xi nar minn fuq il-bejt. Ghalhekk din il-Qorti thoss illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena l-principju regolatur hu li mhux normali illi din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament tal-ewwel Qorti jekk il-piena imposta tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika illi setghet tkun differenti minn dik moghtija mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti tara illi l-piena inflitta tirrifletti s-serjetà tar-reat kommess mill-appellant u s-severità illi dawn il-Qrati ghandhom iharsu lejn dawn in-nuqqasijiet li jpoggu f'periklu hajjet mhux biss dak li jkun imma anki nies innocenti illi forsi lanqas ikun jafu illi fil-post adjacenti taghhom hemm mahzun materjal perikoluz.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------